MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 1234/2003/1

**Alexia Muscat**

**v.**

**Direttur Generali tas-Sahha Pubblika u**
**Direttur tal-Institutional Health u**
**b'digriet tat-28 ta' April 2004 gie mdahhal fil-kawza**
**t-Tabib Principali tal-Gvern**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-18 ta' Novembru, 2003, li taqra hekk:

“Peress illi fit-30 ta’ Ottubru, 1999 l-attrici waqt illi kienet xoghol fil-poliklinika ta’ Rahal Gdid wegghet gravement u dan minhabba li gie provdut lilha sellum li ma kienx addattat ghax-xoghlijiet illi kienu mehtiega u b’dan il-mod hija waqghet u sofriet danni permanenti fuq il-persuna taghha.

“Peress illi ghalhekk il-konvenuti huma responsabbli ghad-danni arrekati lill-attrici.

“Peress illi sussegwentement l-attrici giet sottoposta ghal trattament fl-isptar San Luqa u anke barra minn Malta u minhabba imperizzja, transkuragni u nuqqas ta’ kura tempestiva, l-attrici kompliet aggravat is-sitwazzjoni taghha u sa llum ghadha qed issofri minn danneggjament permanenti u trid tibqa’ taht trattament ghal ghomorha.

“Peress illi ta’ dan il-fatt huma responsabbli l-konvenuti.

“Jghidu l-konvenuti ghala din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. “Tiddikjara l-konvenuti responsabbli tad-danni sofferti mill-attrici kemm fl-incident illi gara fit-30 ta’ Ottubru 1999 kif ukoll ghan-nuqqas ta’ kura illi inghatat sussegwentement u dana bi hsara permanenti ghaliha fil-persuna taghha.

2. “Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominati.

3. “Tikkundana l-konvenuti jhallsu s-somma li tigi hekk likwidata.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protesti mibghuta qabel il-ftuh ta’ din il-kawza kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
“Illi preliminarjament ir-rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sahha hija fdata f’idejn it-Tabib Principali tal-Gvern u

dana ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

"Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-Direttur ta' Institutional Health ma hux legittimu kontradittur u dan ai termini tal-istess Artikolu precitat.

"Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Avukat tar-Repubblika ghadu ma hux notifikat.

"Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess in-nomenklatura Direttur Generali tas-Sahha Pubblika ma tezistix fir-rank tas-Servizz Pubbliku.

"Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess fi kwalunkwe kaz huma ma jirrispondux ghad-danni reklamati stante illi dawn ma grawx tort taghhom.

"Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
"Tillibera lill-konvenut Direttur ta' l-Institutional Health mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghall-attrici u
Tiddikjara l-konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-attrici;
Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' wiehed u tletin elf erba mija u sitta u erbghin Euro u erba u hamsin Euro centezmu (Ewro 31,446.54) u

"Tikkundana l-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata lill-attrici.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"L-attrici li kienet tahdem bhala *nursing aid* fil-Poliklinika f'Rahal Gdid waqghet minn fuq sellum u wegghet gravement u s-sitwazzjoni taghha kompliet taggrava meta

ma nghatatx il-kura tempestiva fl-Isptar u ghalhekk talbet lill-konvenuti jhallsuha d-danni li hija sofriet.

“L-attrici xehdet li kienet qed tahdem fil-Paola Health Centre fit-30 ta’ Ottubru 1999 u kellha bzonn iggib file ta’ pazjent u kellha titla’ fuq sellum peress illi dan kien fil-gholi u ma kienitx tilhqu. Hekk kif kienet niezla bil-file minn fuq is-sellum, spiccat fl-art ghax waqghet mill-ahhar erba’ skaluni u dana billi s-sellum ma kienx adattat ghax-xoghol li kien mehtieg. Waqghet gholi ta’ erba piedi u giet bil-qieghda ma’ l-art. Ghamlet ‘*injury on duty report’* u baghtuha d-dar bis-sick leave. Damet jumejn id-dar u wara dahlet ghax-xoghol regolari ta’ bil-lejl. Minkejja dan hi baqghet mugugha. Hi spjegat id-diversi interventi li sarulha u l-medicini li qed tiehu bhala kura.

“Dwar responsabbilita’ ghall-akkadut l-attrici tissottometti li jirrizulta li hi wegghet waqt li kienet xoghol u ma kien hemm ebda kontributorjeta’ da parti taghha. Kwantu ghad-danni li garrbet, tghid li l-Qorti mhiex tenuta li toqghod fuq l-espert minnha nominat jekk il-provi juru mod iehor. Hi sofriet debilita’ permanenti li giet kostatata minn Dr. D. Gatt ta’ l-isptar u ilha tircevi trattament mediku mill-isptar ghall-dawn l-ahhar tmien snin. Il-Bord Mediku lilha tah percentwali ta’ 10% bhala disabbilita’.

“Il-konvenut jissottometti li l-attrici ma gabet ebda prova konkreta ta’ dannu fiziku, anzi mill-provi jirrizulta biss ugigh li hu biss psikosomatiku. Il-percentwali li wasal ghalih il-Bord Mediku kien in relazzjoni ma’ operazzjoni li l-attrici ghamlet fuq il-hipbone u li skond l-espert mediku Dr. Zammit Maempel ma ghandha ebda relazzjoni ma’ l-incident ta’ Ottubru 1999 u ghalhekk tali percentwali ma jistax jittiehed bhala indikatur ta’ xi hsara. Finalment il-konvenut jissottometti li mit-testijiet medici kif ukoll mill-ezami li ghamel l-espert nominat l-ugigh ta’ l-attrici huwa psikosomatiku u mhux rizultat ta’ hsara fizika.

“**Konsiderazzjonijiet**

“Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut l-Qorti kienet awtorizzat iz-zieda fl-okkju tal-kawza biex flimkien mal-

konvenuti indikati fic-citazzjoni jidhol it-Tabib Principali tal-Gvern. Id-Direttur ta' Institutional Health ghalhekk mhux il-legittimu kontradittur billi hu ma jirrapprezentax guridikament lid-Dipartiment tas-Sahha. Dina l-eccezzjoni qed tintlaqa'.

"<u>Responsabbilita'</u>

"Il-konvenut qed jikkontesta r-responsabbilita' ghall-incident billi qed ighid li r-rapport dwar « *injury on duty* » mhux dikjarazzjoni ta' htija da parti tieghu imma hu biss rapport maghmul mill-attrici dwar kif sehh l-incident wara li wegghet u xejn aktar.

"F'dan il-kaz, hi l-attrici li trid tipprova l-kaz taghha u dan fi grad kif imfisser fir-regoli tal-ligi tal-procedura. Hi ma tistax tnehhi dan l-obbligu minn fuqha u tappella ghas-sens ta' hniena minghajr ma ggib il-prova rikjesta mill-ligi. Kull process guridiku hu wiehed essenzjalment ta' provi li jrid iwassal ghall-konvinciment mehtieg.

"Skond l-attrici hi kienet qed tahdem fil-polyclinic bhala nursing aid u kellha bzonn iggib file ta' pazjent billi titla' fuq sellum peress illi dan kien fil-gholi u ma kienitx tilhqu. Hekk kif kienet niezla bil-file mis-sellum, waqghet u spiccat fl-art. Skond l-attrici dan is-sellum ma kienx adattat ghax-xoghol li kienet qed taghmel, u hi kellha titla' bil-fors fuqu biex iggib il-file. Dak li qalet l-attrici f'dan ir-rigward ma giex kontestat mill-konvenut, li minn naha tieghu, ma jallega bl-ebda mod li l-attrici kellha xi tort ghall-akkadut jew b'xi mod iehor ikkontribwit ghalih.

"L-obbligu ta' min ihaddem hu li jipprovvdi "a safe system of work*"* jew "a safe working environment" u supervizjoni u adegwatezza ta' l-atrezzi pprovvduti. Hu ghandu jizgura li l-post tax-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema. Dan jinvolvi wkoll li min ihaddem jiehu in konsiderazzjoni l-atmosfera fil-post tax-xoghol, fosthom id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, l-aljenazzjoni tal-haddiem stess, u n-nuqqas ta' ghajnuna

minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol.  Avolja jista’ jkun hemm grad ta’ negligenza mill-haddiem stess, is-sid irid, fi grad jew iehor, jirrispondi ghad-danni li jirrizultaw minhabba nuqqas tieghu f’dan ir-rigward (ara sentenza **Kummerc: Schembri vs Caruana** 12/1/1983).

“Illi fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma pprovvdiex attrezzi adegwati ghax-xoghol li kellha taghmel l-attrici u ma zgurax li l-post tax-xoghol kien hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli ghall-inkolumita’ fizika u psikologika tal-haddiema.

“**Danni**

“Il-konvenut jikkontendi li l-attrici ma gabet ebda prova konkreta ta’ dannu fiziku, anzi mill-provi u partikolarment mill-ezamijiet medici li sarulha jirrizulta biss li l- ugigh li l-attrici tghid li qed thoss hu biss wiehed psikosomatiku. Donnu li l-konvenut irid jimplika li l-attrici qed tbati minn “*compensation syndrome*” li bazikament hi kondizzjoni psikjatrika provokata mill-incident li tkun pero’ motivata, anke jekk mhux konxjament, mill-prospett ta’ qliegh finanzjarju.  F’dan ir-rigward jinghad li in linea ta’ rizarciment ta’ danni dawn il-pazjenti “show signs and symptoms that are out of proportion or even unrelated to the injury to which they are attributed … A definition of compensation syndromes is this: they are a group of allied conditions which (a) follow injury or disease when the patient believes that there is a reasonable  hope of financial compensation; and (b) show a mixture of organic and psychiatric complaints and disability which lack obvious connection with the pathology or are out of proportion to it” **(Ara App. P. Sultana vs A. Caruana 15.1.2002).**

“L-attrici giet ezaminata mill-espert mediku nominat minn dina l-Qorti, Mr. Fredrick Zammit Maempel,  li kkonkluda li s-sintomi ta’ l-ewwel ilment ta’ l-attrici (cjoe ta’ *right-sided lumbo-sacral radiculopathy*) huma ta’ natura soggettiva, cjoe’ ta’ natura psikologika jew psikosomatika. Hu ma sab ebda xhieda oggettiva ta’ dizabilita’ fizika w permanenti. It-

tieni ilment taghha, dwar l-ugigh fil-hip tax-xellug li zviluppa ghall-ewwel darba erbgha snin wara l-incident, huwa probabbli « *Greater trochanteric bursitis* » u ma jistghax, fl-opinjoni tieghu, jigi attribwit ghall-incident ta' l-1999, meta zviluppa wara dak iz-zmien kollu. Ghalhekk, skond l-espert, l-attrici ma kellha ebda disabbilita' permanenti. In eskuzzjoni spjega li hu ra ic-CT scans, l-MRI u X-Rays u dawn ikkonfermaw li kienu normali u qablu mal-*clinical examination* li hu ghamel fuq l-attrici. Meta huwa ezamina dawn il-*Greater trochanteric bursitis,* l-attrici ma lmentatx meta hu messhom. Hu jghid li anke jekk dak il-hin l-attrici kienet fuq il-*pain killers* xi rizultat posittiv kien johrog.

"L-artikolu 681 tal Kap. 12 jistabilixxi li l-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. L-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, il-Qorti m'hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha. Il-giudizju espress mill-perit tekniku pero' m'ghandux jigi skartat b'mod legger jew kappriccuz u l-konvizjoni kuntrarja tal-Qorti ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika" **[App. C. Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat [1967] Vol.LI.I.390; u App. C. Philip Grima vs Carmelo Mamo – 29 Mejju 1998].**

"Fil-kaz in ezami l-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzzjoni ta' l-espert minnha nominat billi jirrizulta mill-atti processwali fatti u cirkostanzi ohra li jimmilitaw kontra l-konkluzzjoni ta' l-espert.

"F'dan il-kaz il-Qorti mhiex konvinta li l-attrici hija persuna li qed tbati minn "compensation syndrome u ma tistax timmaginaha bhala persuna li biex takkwista kumpens finanzjarju ghall-allegat ugigh u tbatija qed tissottometti ruha ghat-trattament li ilha ghaddejja bih ghaxar snin fejn qed tiehu dawk it-trigger injections kollha f'darha ( ara fol. 95, 112, u 120 et seq) u medicini qawwija bhal Pethidine, Morfina u Atarax (fol. 47) u dana b'effett dileterju fuq

sahhitha (ara ukoll l-allegazzjoni tad-dokumenti voluminuzi ma dana l-process u l-History Sheet a fol. 117 et seq). L-attrici kienet anke intbghatet l-Inghilterra biex tigi ezaminata u kkurata (ara fol. 133 u 138).

“Dr. David Gatt iccertifika li l-attrici qed tbati minn debilita’ permanenti. Dr. Gatt mhux tabib imqabbad mill-attrici ex parte imma hu t-tabib kuranti taghha fl-isptar. Hu xehed li l-attrici qeghda taht il-kura tieghu u din qed tbati minn ugigh fin-naha t’isfel tas-sinsla fuq il-lemin. Mill-ezamijiet li ghamel sab li s-*source* ta’ l-ugigh hu jew f’wiehed mill-gogi fil-joint jew fit-tessuti vicin tieghu. Hu pprova jikkura lill-pazjenta izda ma kellux rizultat fit-tul u setgha biss jikkontrolla l-ugigh bl-injections regolari fil-muskoli ta’ darha u trattament ta’ pain killers qawwi. Hu jghid li l-ugigh huwa dejjem soggettiv imma kieku kien konvint li s-sintomi kienu biss soggettivi ma kienx jaghti kura qawwija bhal din. Ighid ukoll li jista’ jkun hemm anke raguni fisika ghal dak l-ugigh li skond in-neurologu li ra lill-attrici jew mill-muskoli jew mit-tessuti ta’ l-ghadam. Hu jikkonkludi li x’aktarx dina l-kondizzjoni ser tkun permanenti pero’ ma hux f’posizzjoni li jaghti xi percentwali ta’ disabbilita’ billi mhux kompitu tieghu.

“L-attrici giet ezaminata minn-Bord Mediku biex jara jekk l-attrici kellhiex tigi *boarded out* u sabu li kellha percentwali ta’ disabbilita’ ta’ 10% (ara fol. 75). Il-konvenut jikkontendi li dina l-figura li wasal ghaliha l-Bord Mediku kienet in relazzjoni ma’ l-operazzjoni li l-attrici ghamlet fuq il-hipbone u li skond l-espert mediku ma ghandha ebda relazzjoni ma’ l-incident in kwistjoni, ghalhekk dina il-percentwali ma tistax tittiehed bhala indikazzjoni ta’ xi hsara fil-kaz in ezami. Huma lanqas ma ezaminawha fisikament.

“Il-Qorti tosserva li skond in-notament dwar dana c-certifikat a fol. 75 jidher li taht id-data tad-19 ta’ Lulju 2001 l-esperti kienu taw lill-attrici 10%, ghalhekk dan ifisser li l-assessment li ghamel il-Bord ma kienx fuq l-operazzjoni li ghamlet l-attrici fuq il-hipbone erbgha snin wara l-incident, imma assessment fuq dak li kienet qed

tbati minnu l-attrici bhala konsegwenza tal-waqa’ ftit zmien wara.

“Illi f’dan il-kaz il-Qorti ghandha min-naha wahda l-espert imqabbad minnha li mill-ezaminjiet li ghamel ma sab ebda indikazzjoni fisika ta’ hsara fuq l-attrici u minn naha l-ohra l-attrici li ilha tbati minn ugigh persistenti ghall-ghaxar snin b’kura kontinwa ta’ *exhaustive all invasive therapy* u *pain management* preskritta mit-tabib kuranti taghha fl-isptar li kkonferma li x’aktarx hemm disabbilita’ permanenti. Ghandha wkoll Bord Mediku matur mill-Dipartiment stess li ta lill-attrici 10% disabbilita’.

“Fil-fehma tal-Qorti hi ghandha thares lejh l-inkapacita’ ta’ l-attrici mill-kumpless shih tal-konsegwenzi deliterji li l-ustjonijiet hallew fuq l-attrici **(D’Amato vs Ebejer Vol. XLV p.3 p.1264**). Il-Qorti trid taghmel koncessjoni ghall-fatt stabbilit mill-provi li l-attrici se jkollha tbati l-konsegwenzi permanenti ta’ pain management u invasive therapy rikjesta biex tkun posizzjoni tkompli b’hajjitha u bix-xoghol taghha. L-attrici ssostni li ugigh persistenti li qed thoss jammonta minnu nofsu ghall-disabbilita’ u mhux bilfors li dan l-ugigh irid ikun marbut ma xi difett organiku li jidher. Il-kura li l-attrici ilha tinghata mill-konvenut lill-attrici ghal dawn l-ahhar ghaxar snin tidher li trid titkompla. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-Qorti tikkonkludi li l-attrici sofriet disabbilita’ permanenti minhabba dana l-incident u bhala disabbilita’ se toqghod fuq il-percentwali stabbilit mill-Bord Mediku. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dana l-kaz il-Qorti ma thossx li ghandha tmur oltre dina l-percentwali kif l-attrici qed tippretendi li l-Qorti ghandha taghmel.

“<u>Likwidazzjoni tad-danni.</u>

“Damnum emergens

“Taht dan il-kap ma saret ebda talba.

“Lucrum Cessans

“Il-konvenut issottometta li l-attrici diga’ rceviet somma li thallset mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali, cjoe s-

somma ta' Lm717.97, ghalhekk l-attrici diga' hadet dak li kien dovut lilha. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament, billi dika s-somma mhallsa, l-attrici kienet intitolata ghaliha skond il-Ligi bhala *short term benefit claim* u ma tirrapprezentax ir-risarciment tad-danni kawzati minhabba dana l-incident li l-attrici qed titlob.

"Meta gara dana l-incident fl-1999 l-attrici kellha 24 sena. Skond l-I.D. Card taghha hi twieled fl-1975. L-attrici kienet taqla' Lm4,953 fis-sena mill-impieg taghha.

"Il-Qorti se tikkalkola t-telf subit mill-attrici kif gej:- Bhala salarju se tiehu s-somma ta' Lm6,000 fis-sena u dana biex jinkludi z-zidiet fil-gholi tal-hajja li l-attrici tkun intitolata ghalihom. Bhala percentwali ta' disabbilita', il-Qorti stabbilit 10%. Dwar multiplier il-Qorti hi tal-fehma li f'dana l-kaz 25 sena hu perjodu xieraq meta tqies ic-*chances u changes of life* fil-hajja lavorativa ta' l-attrici. Il-Qorti se naqqas 10% bhala *lump sum deduction* billi l-kawza ilha li giet prezentata fl-2003. Il-Qorti pero' tosserva li kien hemm xi dewmien da parti ta' l-attrici f'dina l-kawza li l-konvenut m'ghandux ibati ghalih hu.

"Kalkulazzjoni

"Lm6,000 (media ta' paga bazi) x 25 (snin ta' hajja lavorativa) x 10% (debilita' permanenti) x 10% (lump sum deduction) = Lm13,500. »

Rat ir-rikors tal-appell tat-Tabib Principali tal-Gvern li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tas-7 ta' Lulju, 2009, fl-ismijiet premessi, in kwantu t-Tabib Principali tal-Gvern instab responsabbli ghad-danni u gie ordnat ihallas is-somma ta' wiehed u tletin elf u erba' mija u sitta u erbghin Ewro u erbgha u hamsin ewro centezmu (ewro31,446.54) u l-ispejjez, u minflok tichad it-talbiet tal-appellata fil-konfront tal-appellant bl-ispejjez kontra l-appellata.

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-

Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dwar ir-reponsibbilita`, tirriformaha dwar il-kwantu tad-danni, billi *arbitrio boni viri* zzid ammont dwar id-dizabbilita` naxxenti mill-ugigh permanenti stabbilit, u tibdilha dwar il-kap tal-ispejjez billi l-ispejjez kollha jigu akkolti lit-Tabib Principali tal-Gvern.

Rat ir-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern ghall-appell incidentali tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-appellata kif dedotti fir-rikors tal-Appell incidentali u talab ukoll illi din il-Qorti tal-Appell joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tas-7 ta' Lulju, 2009, fl-ismijiet premessi, in kwantu t-Tabib Principali tal-Gvern instab responsabbli ghad-danni u gie ordnat ihallas is-somma ta' wiehed u tletin elf u erba' mija u sitta u erbghin Ewro u erbgha u hamsin ewro centezmu (ewro 31,446.54) u l-ispejjez, u minflok tichad it-talbiet kollha ta' Alexia Muscat fil-konfront tieghu bl-ispejjez kollha kontra taghha.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

L-incident li wassal ghal din il-kawza hu car. L-attrici kienet tahdem bhala *nursing aid* fil-poliklinika tal-Gvern f'Rahal Gdid, u fit-30 ta' Ottubru, 1999, telghet fuq sellum biex iggib *file* minn xkaffa fl-gholi, is-sellum tbandal u hi waqghet mal-art. Sa hawn ma hemmx kontestazzjoni. L-ewwel Qorti sabet li ghal dan l-incident jahti l-appellant li ma hax mizuri biex jassigura li l-post tax-xoghol kien hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha tal-haddiema. Din il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni. Fil-fatt, fuq din is-sejba ta' responsabbilita`, l-appellant donnu akwiexxa, peress illi hu qed jilmenta mill-kundanna li saret mill-ewwel Qorti biex ihallas id-danni, peress li jsostni li ma saret ebda prova tan-ness bejn il-waqa' u d-dizabbilita` li qed tallega li sofriet l-attrici. Il-kawza, fil-fatt, iddur fuq din il-kwistjoni: l-attrici tghid li wara l-waqa' bdiet issofri minn

ugigh f'darha, u wara li anke sarilha intervent kirurgu ghadha ssofri l-ugigh, tant li hija kostretta tiehu pinnoli biex ittaffi l-istess; dawn il-pinnoli ghandhom in-natura ta' morfina. L-esperti medici, pero`, ma setghu jsibu ebda ness ta' kawza u effett bejn l-incident u din il-kondizzjoni.

Hu ovvju li biex individwu jinstab responsabbli ghal xi danni, irid jintwera li hemm ness bejn l-agir ta' dak l-individwu u l-hsara, u jekk dan in-ness ma jigix ippruvat, il-vittma tal-hsara ma jkunx intitolat ghall-kumpens minghand l-individwu mharrek. F'dan il-kaz, l-espert mediku mahtur mill-ewwel Qorti rrelata illi "jiena ma nsib ebda xhieda oggettiva ta' dizabbilita` fizika u permanenti" fl-attrici. Hu qal li ezamina t-testijiet kollha li saru fuq l-attrici, fosthom CT Scans, l-MRI u X-Rays, u ma sab xejn li jista' jiggustifika l-ugigh li minnu kienet qed tilmenta l-attrici. It-tabib Mr. David Gatt, konsulent fid-dipartiment tal-anestesija li ezamina lill-attrici f'Marzu/April 2000, u qed jiehu hsieb il-kura taghha, ukoll qal li, nonostante d-diversi testijiet li saru fuq l-attrici, "ma stajniex nidentifikaw fic-cert il-kawza tal-ugigh". L-espert mediku rrelata li fil-fehma tieghu s-sintomi li qed turi l-attrici "huma ta' natura soggettiva, cioe`, ta' natura psikologika jew psikosomatika", waqt li Mr. Gatt qal illi kieku kien konvint li s-sintomi kienu <u>biss</u> soggettivi, ma kienx jaghtiha l-kura qawwija li kien qed jaghtiha, fosthom *injections* regolari fil-muskoli ta' darha u *treatment* ta' *pain killers* qawwi.

Din il-Qorti tara li hsara lis-sahha ta' persuna tista' tkunu kemm fizika u kemm psikologika, u kif tajjeb osservat l-attrici, "disabling pain is a form of disability". F'dan il-kuntest issir referenza ghall-kawza **Sultana v. Abela Caruana**, deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 2002, fis-sens illi:
"*Is-suggeriment ta' l-appellant donnu jimplika li d-danni minn debilta' fizika attwali ma kienux, jew ma setghux jinkludu wkoll danni rizultanti minn debilita' psikika provokata mill-incident, ghaliex dan ma kienx facilment verifikabbli u seta' johloq sitwazzjonijiet li jaghtu lok ghal reklami fittizji u immaginarji. Din il-Qorti naturalment ma tistax taqbel ma' sottomissjoni ta' din ix-xorta. Filwaqt li tirrikonoxxi d-diffikulta' tal-prova f'dan il-kamp, hi*

*certament ma tistax teskludi illi jezistu sitwazzjonijiet fejn il-hsara provokata minn incident, anke stradali, ma tkunx daqstant fizika daqs kemm psikika. Tqis inoltre li filwaqt li jista' jkun li jkun hemm hsara fizika li ma tkunx ta' natura permanenti, mhux eskluz li tali hsara setghet tipprovoka debilita' psikologika permanenti li tista' wkoll tkun kwantifikata f'telf ta' qliegh futur. Bizzejjed jitqies il-kaz ta' tfajla li ssofri sfregju f'wiccha li jkun biz-zmien rimedjabbli, imma li jaffettwalha permanentement l-psike taghha.*"

La darba mir-rapport mediku tal-espert mahtur mill-Qorti giet eskluza l-prova oggettiva tal-kawza tal-ugigh, dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk tistax tigbed inferenza ta' ness fuq bazi ta' probabbilita` bejn l-incident u l-ugigh. L-espert mediku rrelata li ma sabx prova oggettiva tal-ugigh, pero`, il-Qorti trid tara l-istampa kollha qabel ma tiddeciedi, fuq bazi ta' probabbilita`, jekk dak li qed issofri minnu attrici, anke jekk psikologiku, ghandux rabta mal-incident in kwistjoni. L-ewwel Qorti ghamlet dan l-analizi, u sabet li, mill-analizi tal-provi, id-dizabbilita` li minnha qed issofri l-attrici kien rizultat ta' dan l-incident.

Din il-Qorti ezaminat il-provi u waslet biex tikkondividi l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Wara l-incident, l-attrici, li dakinhar kellha 24 sena, giet ezaminata minn tabib fil-poliklinika fejn kienet qed tahdem, kitbilha pinnoli tal-Voltaren u baghtha tistrieh id-dar. L-ghada dahlet ghax-xoghol, pero`, indunat li r-rigel tal-lemin bdiet toghtor fuqu. Il-gimgha ta' wara, zviluppat ukoll ugigh fic-cinturin ta' dahrha. Kellmet tabib iehor li ssuggerixxa li tiehu X-Rays u dawn urew skoljosi hafifa u "asymmetry ta' L2 u L3". Kellmet specjalista tal-ghadam li ordnalha gimghatejn mistrieh fis-sodda u l-pinnoli Neurorubine. Wara gimghatejn, regghet giet invistata mill-ispecjalista tal-ghadam li rreferiha ghall-isptar peress li ma kienx hemm ammiljoramenti. Hemm sarilha ic-CT scan u s-CT myelogram. Ma deher xejn anormali, pero`, l-attrici qattghet xahar wiccha 'l fuq fis-sodda. Baqghet tiehu diversi pinnoli. F'Lulju tal-2000 sarilha MRI. Fi frar, 2001 saritilha operazzjoni fuq il-Greater Trochanter u f'Ottubru tal-2001 giet invistata minn Professur Ingliz li ngieb Malta mill-Gvern bhala espert fuq "pain relief". Dan ordnalha

titqib "Botox Type A" u "Kapsin Cream" li kellha tidilku tlett darbiet kuljum fuq daharha; hi baqghet ukoll tidhol l-isptar darbtejn fil-gimgha biex tiehu titqib tal-"paravertebral blocks" f'daharha. F'Gunju tal-2003, fuq parir tal-Professur Ingliz, telghet l-Ingilterra biex isirilha "dorsal spinal stimulator", pero`, meta kienet hemm saritilha konsulta ma' professur Ingliz iehor u gie deciz li dan l-intervent ma jsirx. Hi ghadha sallum tidhol l-isptar darbtejn fil-gimgha ghat-titqib f'daharha. Dawn jidher li jserhuha ghall-jumejn, izda mbaghad l-ugigh jerga' jikber.

Mehud dan kollu, nonostante l-fatt li ma setax jigi stabbilit b'mod oggettiv x'wassal ghal dan l-ugigh, din il-Qorti tara li tista' taghmel inferenza legittima li dan l-ugigh kollu, li beda wara l-incident in kwistjoni, kien gie ikkawzat mill-istess waqa' tal-attrici minn fuq is-sellum. Hemm nisga kontinwa bejn ic-cirkostanzi tal-waqa' u dak li baqghet thoss wara l-incident u d-debilita` li rrizultat wara. Il-Qorti hija sodisfatta li dik id-debilita` sehhet fil-hin tal-waqa' u kienet effett dirett taghha li ebda traskuragini min-naha tal-attrici ma kkontribwiet ghaliha. Mr. Gatt ghalkemm ukoll ma setax jorbot l-ugigh mal-incident, qal li s-sors tal-ugigh kien jew f'wiehed mil-gogi fil-joint jew fit-tessuti vicin tieghu, u meta tqis li dan l-ugigh inhass wara l-incident, din il-Qorti tara li, fuq bazi ta' probbabbilita`, in-ness gie ppruvat. Il-Qorti ssib komfort ukoll f'dak li qal Mr. Gatt illi l-ugigh jista' jezisti minkejja testijiet normali jew kwazi normali ta' tessuti, u f'dak li sab Dr. Charles Gauci, tabib iehor li ezamina lill-attrici, li qal li l-attrici tista' qed tbati minn "sacro-iliitis", "possibly caused by her original trauma".

Eventwalment, l-attrici giet ezaminata minn "medical board" kompost minn tlett tobba, wiehed minnhom *orthopedic surgeon*. Il-bord accetta li l-attrici kienet qed issofri minn 10% dizabblita`, u dan wara li ezamina c-certifikati medici li pprezentat l-attrici. L-ewwel Qorti mxiet fuq din il-figura ta' 10% biex hadmet il-kumpens ai termini tal-"multiplier formula" soltu uzata mill-qrati taghna biex jigi kkalkulat il-*lucrum cessans*. Din il-Qorti ezaminat it-thaddim tal-ewwel Qorti, u ma tarax li ghandha tvarja l-figuri minnha wzati sabiex waslet ghas-somma ta'

€31,446.54 bhala kumpens. L-attrici tippretendi li din il-Qorti ghandha *arbitrio boni viri* zzid l-awment ta' kumpens, izda l-Qorti ma tarax li ghandha tipprovdi favorevolment ghal din it-talba. Il-likwidazzjoni tal-kumpens sar b'mod sistematiku, u ghalkemm, ftit jew wisq, hemm element soggettiv involut, tara li l-ewwel Qorti mxiet b'sens ta' raguni u b'mod gust, u tqis li ma hemmx lok li l-kumpens jigi varjat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell principali tat-Tabib Principali tal-Gvern, kif ukoll mill-appell incidentali tal-attrici, billi tichadhom it-tnejn, u tikkonferma, ghalhekk, in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Dwar l-ispejjez tal-kawza, dawk in prim istanza ghandhom jithallsu kif iddecidiet l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta mal-appell principali jithallsu mill-appellant Tabib Principali tal-Gvern, u dawk marbuta mal-appell incidentali jithallsu mill-attrici appellanti incidentalment.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------